MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 93/2007

**Vodaf**
**one Malta Limited**
**(C 10865)**

**Vs**

**Krista**
**Cassar Gaspar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Frar, 2007, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta` mija u disgha u erbghin lira, tlieta u tmenin centezmu (Lm149.83), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku li jgib in-numru 99262121.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-5 ta` Ottubru, 2007 meta gie pprezentat il-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta` llum u kwindi ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tal-konvenuta fil-konfront tat-talba attrici kif dedotti f'dan l-avviz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta` l-Att V ta` l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa` t-talba u kwindi jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici, s-somma mitluba ta` Lm149.83, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` dan l-avviz  u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------